# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. *JOSEPH R. MICALLEF* LL.D.**

**Illum, l-Erbgha 25 t'April, 2001.**

**Kawza Nru. 42.**
**Citazz. Nru. 1326/00 JRM**

**Louisanna CURMI**

**vs**

**Mark CURMI u SIMONDS FARSONS CISK p.l.c.**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-Citazzjoni mressaq fis-27 ta' Gunju, 2000, li bih l-attrici ppremettiet:

Illi l-attrici giet notifikata bl-atti tas-subbasta fl-ismijiet *Simonds Farsons Cisk p.l.c. vs Mark Curmi et* liema

subbasta ggib in-numru 26/2000 u liema kienet appuntata ghad-19 ta’ Gunju 2000;

Illi l-attrici mhiex debitrici tal-konvenuti;

Illi l-attrici u l-konvenut Mark Curmi illikwidaw, xoljew u tterminaw il-komunjoni tal-akkwisti bejniethom permezz ta’ kuntratt in atti Dottor Nicholas Vella tal-10 ta’ Mejju 1998 fejn gie specifikament iddikjarat illi d-dejn gravanti l-komunjoni tal-akkwisti kellu jkun pagabbli mir-ragel;

Illi l-attrici ma tatx l-awtorizazzjoni taghha sabiex isir dan id-dejn;

Illi l-ezekuzzjoni tal-mandat sar fuq oggetti illi huma proprjeta’ taghha minghajr ma hija debitrici lejn il-konvenuti u illi konsegwentement l-atti ta’ esekuzzjoni huma afflitti minn nullita’;

Ghalhekk l-attrici talbet lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m’ghandhiex:

1. Tiddeciedi u tiddikjara illi l-atti tas-subbasta numru 26/2000 fl-ismijiet Simonds Farsons Cisk p.l.c. vs Mark u Louisanna mizzewgin Curmi huma nulli u inattendibbli;

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti li huma ngunti in subizzjoni;

Rat id-Dikjarazzjoni mahlufa u n-Nota tax-Xiehda tal-attrici;

Rat in-Nota mressqa fid-29 ta’ Settembru, 2000, li giet imressqa izjed minn ghoxrin jum wara li huwa kien gie

mgharraf bl-att tac-Citazzjoni u l-Avviz tas-Smigh kif imfisser fl-artikolu 158(10) tal-Kap 12, b’hekk waqa’ kontumaci, u dan

ghalkemm fl-imsemmija Nota huwa juri li jaqbel mat-talbiet tal-attrici;

Rat in-Nota tal-Eccezzjonijiet tas-Socjeta’ mharrka mressqa fl-14 ta’ Settembru, 2000, li biha eccepiet:

1. Preliminarjament, illi t-talba tal-attrici hija nulla peress li l-kawza li kellha ssir kellha tkun ghad-dikjarazzjoni ta’ nullita’ tal-esekuzzjoni tal-Mandat in kwantu jolqtu l-oggetti allegatament proprieta’ tal-attrici;

2. Minghajr pregjudizzju ghall-premess, it-talba attrici hija infondata fil-fatt u fid-dritt peress illi:

(a) ma jirrizultax li l-kuntratt tal-10 ta’ Mejju, 1998, sar bl-awtorizazzjoni tal-Onorabbli Sekond’Awla ta’ din il-Qorti kif titlob il-ligi;

(b) f’kull kaz, kif tiddisponi l-istess ligi, tali kuntratt, anke jekk validu, ma jistax jkun ta’ pregjudizzju ghall-kredituri;

(c) f’kull kaz, id-dejn tad-ditta esponenti kien jirrisali ghall-zmien QABEL ma sar il-kuntratt (tant li l-kawza li tat lok ghall-proceduri tas-subasta bdiet fit-28 ta’ Novembnru, 1997, u ghandha numru 2733/97/GC);

3. Minghajr pregjudizzju ghall-premess, it-talba attrici hija infondata fil-fatt u fid-dritt peress ukoll li d-dejn in

4. kwistjoni sar fil-kors normali tan-negozju, u, f’kull kaz, l-istess attrici ma qajmet ebda oggezzjoni f’dan is-sens meta giet mharrka personalment ghad-dejn in kwistjoni fil-kawza fuq

imsemmija; is-sentenza li nghatat kontra taghha (u zewgha) fit-28 ta' Gunju, 1999, taghmel stat fil-konfront taghha, u kwindi ma tistax issa tallega la li mhiex debitrici u lanqas li ma awtorizazzatx li jsir dan id-dejn;

Salv, jekk ikun il-kaz, eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat id-Dikjarazzjoni mahlufa u n-Nota tax-Xiehda tas-Socjeta' mharrka;

Rat in-Noti ta' l-partijiet li permezz taghhom ressqu sottomissjonijiet dwar l-ewwel eccezzjoni tal-kumpannija mharrka;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi dawk tal-kawza numru 2733/97GC maqtugha fit-28 ta' Gunju, 1999, u tal-Mandat ta' Qbid Esekuttiv numru 4213/99NS li gew mehmuza mal-atti ta' din il-kawza fuq talba tal-kumpannija mharrka;

Semghet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet;

Rat id-Degriet taghha tal-15 ta' Marzu, 2001, li bih halliet il-kawza ghal-lum ghal decizjoni dwar l-eccezzjoni preliminari tan-nullita' tat-talba mressqa mill-kumpannija mharrka;

## *Ikkunsidrat:*

Illi, qabel xejn u ghalkemm l-eccezzjoni li qeghda tinghata din id-decizjoni dwarha hija wahda ta' natura legali, jidher xieraq li jissemmew xi fatti li jsawru l-kaz;

Illi l-attrici u l-imharrek Mark Curmi huma mizzewgin; (a) illi s-socjeta’ mharrka kienet bdiet kawza quddiem din il-Qorti f’Novembru, 1997, li biha kienet talbet il-hlas lura ta’ somma mghoddija lill-istess Mark Curmi taht zewg ftehim miktubin u maghmulin fl-1996 u fl-1997; (b) illi l-imsemmija kawza nqatghet fit-28 ta’ Gunju, 1999, kontra l-mizzewgin Curmi u minnha ma kienx hemm appell; (c) illi, biex tesegwixxi titolu esekuttiv taghha, il-kumpannija mharrka f’dawn il-proceduri harget Mandat ta’ Qbid Esekuttiv fis-27 ta’ Settembru, 1999, li, bis-sahha tieghu nqabdu l-oggetti msemmija fir-riferta tal-istess Mandat u kopja ta’ liema thalliet f’idejn l-attrici f’din il-kawza; (d) illi l-mizzewgin Curmi zzewgu fl-1986; (e) li, b’kuntratt tal-10 ta’ Mejju, 1998 [kopja ta’ liema hija esebita f’pagni 65 u 67 tal-process], fl-Atti tan-Nutar Dottor Nicholas Vella, huma temmew is-sistema tal-komunjoni tal-akkwisti u taw bidu ghal dak tas-separazzjoni tal-gid patrimonjali taghhom b’effett minn dak inhar; u (f) li wara li nqabdu l-oggetti msemmija fil-Mandat ta’ Qbid, is-socjeta’ mharrka f’din il-kawza ressqet rikors biex l-istess oggetti jinbieghu b’irkant taht l-awtorita’ tal-Qorti, b’effett ta’ liema proceduri l-attrici fethet il-kawza tal-lum;

Illi wahda mill-premessi ewlenin li l-attrici qeghda ssejjes fuqha t-talba taghha biex jigi dikjarat li l-atti tas-Subbasta huma nulli tikkonsisti fl-istqarrija li l-oggetti maqbuda bil-Mandat huma proprjeta’ taghha bla ma hija debitrici tas-Socjeta’ esekutanti;

Illi, ghal din l-istqarrija, is-Socjeta’ esekutanti, mharrka f’din il-kawza, twiegeb li, allura, m’hijiex il-procedura tas-

subbasta li hija nulla imma, jekk xejn, messu ntalab mill-attrici li jigi dikjarat li l-esekuzzjoni tal-Mandat ma kinitx regolari ghax inqabdu hwejjeg li ma kinux tad-debitur esekutat;

Illi, mill-fatti kif imsemmija aktar ‘il fuq, johrog car li, meta nqatghet il-kawza li bis-sahha taghha nhareg il-Mandat ta’ Qbid, l-att nutarili li bih il-mizzewgin Curmi kienu temmew is-sistema tal-komunjoni tal-akkwisti kien ilu ippubblikat izjed minn sena, u l-

istess att kien debitament insinwat fir-Registru Pubbliku f'Mejju tal-istess sena (1998). Dan l-att sar waqt li kienet ghaddejja l-kawza mibdija mis-Socjeta' Simonds Farsons Cisk kontra l-mizzewgin Curmi. Jirrisulta wkoll li meta nghatat is-sentenza, f'Gunju tal-1999, l-attrici tal-lum kienet konvenuta f'dik il-kawza wkoll. Dik is-sentenza ikkundannat lil Louisanne Curmi thallas l-ammont mitlub mis-Socjeta' attrici flimkien ma' u bhalma gie ikkundannat zewgha Mark. Minkejja li saru erba' (4) differimenti f'dik il-kawza minn mindu sar l-att ta' xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti sa qabel ma nghatat is-sentenza, ma nghata l-ebda taghrif lil dik il-Qorti dwar dak l-att nutarili. Minbarra dan, kif inghad, ma sarx appell mis-sentenza li bih din il-Qorti (diversament presjeduta) qieset liz-zewg konvenuti bhala debituri tas-Socejta' attrici;

## *Ikkunsidrat:*

Illi l-ligi tfisser fl-artikolu 279 tal-Kap 12 f'liema waqt jista' xi hadd jaghmel opposizzjoni ghall-esekuzzjoni ta' Mandat esekuttiv, u tghid li dan jista' jsir biss <u>wara</u> li tkun saret l-esekuzzjoni;

Illi, minbarra dan, bis-sahha tal-bidliet li saru fil-ligi tal-procedura fl-1995, tfasslet procedura gdida u specifika biex

wiehed jattakka att esekuttiv li jkun sar kontra tieghu [ara art. 283A tal-Kap 12];

Illi l-ligi tipprevedi wkoll il-kaz fejn, f'Mandat ta' Qbid esekuttiv, jinqabdu hwejjeg li ma jkunux tad-debitur esekutat biss, imma li jkun jista' jsir il-bejgh taghhom wara i ssir il-qasma [art 290];

Illi, fil-kaz presenti, l-hwejjeg maqbuda bis-sahha tal-Mandat huma kollha oggetti tad-dar (ghamara u *appliances*) u li kienu jinsabu fid-dar taz-zwieg. Skond il-kuntratt li bih intemmet il-komunjoni tal-akkwisti, dawk l-oggetti (bhal kull effett mobbli

iehor li kien jinsab fl-imsemmija dar) gew assenjati kollha lill-attrici f'din il-kawza. Meta saret l-esekuzzjoni tal-Mandat fis-7 t'Ottubru, 1999, dawk il-hwejjeg kienu tal-attrici biss (nofshom kwantu ghal sehemha mill-komunjoni tal-akkwisti li kienet tesisti qabel intemmet u n-nofs l-iehor kwantu ghas-sehem assenjat lilha fuq l-imsemmi att minn zewgha). L-esekuzzjoni, kif diga' nghad, saret fil-presenza tal-attrici tallum u l-kopja tar-riferta thalliet f'idejha: l-attrici ma ressqet l-ebda lment dwar l-oggetti maqbuda lill-ufficjali esekutanti;

Illi s-Socjeta' imharrka tghid li l-azzjoni attrici hija nulla ghax messha saret mod iehor u b'talbiet differenti. Hija tghid li messha saret talba li biha jigi dikjarat li l-esekuzzjoni tal-Mandat kienet hazina, jekk dan kien tassew il-kaz. Irid jitfisser hawn li n-nullita' msemmija mill-kumpannija mharrka m'hijiex dik tan-nullita' tal-att gudizzjarju, kif imfissra fl-artikolu 789 tal-Kap 12, izda tat-talba attrici kif imfassla. Kif issottomettiet permezz tal-avukat taghha waqt it-trattazzjoni, kieku kien minnu li l-Mandat kien esegwit hazin, jew ahjar fuq gid mhux tad-debitur, dikjarazzjoni f'dan is-sens kienet tirrendi minghajr htiega talba ghan-nullita' tas-subbasta, izjed u izjed jekk - kif tishaq l-attrici f'din il-kawza - il-hwejjeg kollha li nqabdu huma proprjeta' taghha;

Illi, min-naha taghha, l-attrici, fin-Nota ta' Sottomissjonijiet taghha, taghmel enfasi kontinwa ghan-nullita' tal-procedura tas-subbasta fuq il-basi li nqabdu hwejjeg li huma taghha u li hija mhix id-debitrici tas-socjeta' esekutanti (imharrka f'din il-kawza). Din is-sottomissjoni tolqot il-mertu tal-kawza, filwaqt li l-episodju mahluq bl-ewwel eccezzjoni jillimita ruhu ghall-punt preliminari tan-nullita' inerenti allegata mis-Socjeta' mharrka;

Illi, wara li qieset sewwa l-fatti u s-sottomissjonijiet imressqa mill-partijiet, tqis li t-talba ghad-dikjarazzjoni tan-nullita' tal-atti tas-subbasta ghar-raguni mressqa mill-attrici tippresuponi minnha nnifisha konsiderazzjoni dwar l-effikacja tal-esekuzzjoni tal-Mandat ta' Qbid li tabilfors trid tigi mgharbla qabel ma wiehed ikun f'qaghda li jaghti gudizzju dwar is- siwi tal-procedura tas-

subbasta nnifisha. Fil-fehma tal-Qorti, ma jistax ikun mod iehor, ghax jekk l-esekuzzjoni tal-Mandat ma saritx kif imiss, allura wahedha ssegwi li kull procedura li saret b'rihet dik l-esekuzzjoni u warajha tingieb fix-xejn;

Illi, f'dan ir-rigward, il-Qorti taqbel mar-ragunament maghmul fis-sentenza moghtija minn din il-Qorti (diversament presjeduta) fil-kawza fl-ismijiet *Gianfranco Tolio vs Danuta Komarzynic* fit-**28 ta' Mejju, 1999**, u msemmija mis-socjeta' eccipjenti fin-Nota ta' Riferenzi taghha (pagna 68 tal-process) u, bla ma toqghod tirrepetih, taghmel riferernza ghal dik is-sentenza;

Illi, wiehed irid iqis ukoll jekk in-nullita' f'dan il-kaz hijiex wahda li twaqqa' l-att b'mod li ma jistax jissewwa. Dan jinghad ghaliex il-Qorti tifhem u thoss li, fejn huwa possibbli, azzjoni ghandha tigi salvata u mehlusa mix-xkiel ta' formalizmu zejjed li jiskarta t-twettiq u l-ghoti ta' gustizzja sostantiva;

Illi, fil-kaz presenti, l-Qorti thoss li n-nuqas sollevat fl-eccezzjoni m'huwiex rimedjabbli, u jolqot il-qofol tal-azzjoni mahsuba mill-attrici. Dan jinstilet mill-mod kif il-premessi nfushom tac-Citazzjoni huma nfasslin u l-Qorti tqis li t-talba li ma saritx - u li l-kumpannija mharrka tghid li messha saret - kienet wahda essenzjali, mehtiega u inevitabbli, li l-istess Qorti ma tistax minn rajha tissupplementaha;

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti qeghda taqta' u tiddeciedi li **tilqa' l-ewwel eccezzjoni tal-kumpannija mharrka** u tehlisha mill-harsien tal-gudizzju, bl-ispejjez kontra l-attrici, ghajr ghal dawk tal-imharrek l-iehor Mark Curmi li, fic-cirkostanzi, ghandu jbati l-ispejjez tieghu.

## Moqrija.

*25 t'April, 2001.*

**ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.**
**25 t'April, 2001.**

**Charles Falzon**
**Deputat Registratur**
**25 t'April, 2001.**